MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 58/2011

**P & S Limited (C4860)**

**vs**

**Marlon u April konjugi Howes**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur :

1. Illi bi skrittura privata datata 15 ta’ Settembru 2008 (kopja annessa u mmarkata bhala Dokument ‘PS 1’) is-socjeta’ rikorrenti kriet lill-intimati il-fondi residenzjali rispsettivament numerati erbgha (4) u hamsa (5), Kahlija Court, Xemxija Hill, Xemxija u dan verso kera ta’ elf Euro (€1,000) fix-xahar ghal zmien sena b’effett mill-1 ta’ Settembru 2008 sal-31 t’Awissu 2009;

2. Illi sussegwentement il-kera mensili giet bonarjament ridotta ghal sitt mitt Euro (€600) fix-xahar;

3. Illi wara l-31 t'Awissu 2009, is-socjeta' rikorrenti geddedt l-imsemmija kirja a fuvur tal-intimati minn xahar ghal xahar taht l-istess patti u kindizzjonijiet stipulati fl-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni verso l-hlas ta' kera mensili fl-ammont ta' €600;

4. Illi l-initmati baqsu li jhallsu l-iskadenzi ta' kera ghall-perjodu bejn Settembru 2010 u April 2011 li flimkien jammontaw ghal erbat elef u tmien mitt Euro (€4,800)

5. Illi in oltre l-intimati naqsu li jhallsu s-somma ta' hamest elef mija u hamsa u disghin euri u hamsa u tletin centezmu (€5,195.35) rapprezentanti arretrati fuq kontijiet ta' dawl u l-ilma relattivi ghall-imsemmija fondi erbgha (4) u hamsa (5), Kahlija Court, Xemxija Hill, Xemxija, liema ammonti huam tenuti li jhallsu;

6. Illi ghalhekk is-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tal-intimati in solidum fl-ammont komplessiv ta' disat elef disa' mija hamsa u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€9,995.35), liema ammont huwa cert likwidu u dovut;

7. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, anki permezz ta' ittra ufficjali datata 14 t'April 2011 (anness Dokument 'PS 2'), l-intimati baqghu inadempjenti u ma hallsux l-ammonti minnhom dovuti;

8. Illi konsegwentement ghall-inadempjenza tal-intimati s-socjeta' rikorrenti ghazlet li ma ggeddidx ulterjorment il-lokazzjoni favur l-intimati u tat debito kongedo lill-intimati permezz ta' ittra datata 12 ta' Mejju 2011 (annessa Dokument 'PS 3');

9. Illi konsegwentement l-intimati m'ghadhomx titolu validu fil-ligi sabiex jibqghu jokkupaw il-fondi rispettivament numerati erbgha (4) u hamsa (5), Kahlija Court, Xemxija Hill, Xemxija;

10. Illi sa fejn taf is=socjeta’ rikorrenti, l-intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talba taghha;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provedimenti kollha opportuni:

1. Jiddeciedi din il-kawza bid-dispenza tas-smiegh ghall-finijiet tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-intimati m’ghandhomx titolu validu fil-ligi sabiex jokkupaw il-fondi numerati erbgha (4) u hamsa (5), Kahlija Court, Xemxija Hill, Xemxija jordna l-izgumbrament mill-istess fondi entro terminu qasir u perentorju li dan l-istess Bord joghgbu jiffissa;

3. Jiddikjara li l-intimati huma veri, certi u likwidi debituri in solidum tas-socjeta’ rikorrenti fl-ammont ta’ disat elef disa’ mija hamsa u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€9,995.35), rapprezentanti in kwantu ghal erbat elef u tmien mitt euro (€4,800) arretrati ta’ kera ghall-perjodu bejn Settembru 2010 u April 2011 relattivament ghall-fondi numerati erbgha (4) u hamsa (5), Kahlija Court, Xemxija Hill, Xemxija, u in kwantu ghal ta’ hamest elef mija u hamsa u disghin euri u hamsa u tletin centezmu (€5,195.35) rapprezentanti kontijiet tad-dawl u ilma relattivi ghall-istess zewg fondi li l-intimati naqsu milli j hallsu kif premess;

4. Jikkundanna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta’ rikorrenti is-somma ta’ disat elef disa’ mija hamsa u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€9,995.35), dovuta mill-intimati lis-socjeta’ rikorrenti kif premess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 t’April 2011 u tal-mandat ta’ sekwestru kontestwalment

prezentat, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-intimati li qed jigu minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom;

Ra n-nota ta' cessjoni tas-socjeta' rikorrenti kwantu diretta lejn it-tieni talba stante li l-intimata rritornat ic-cwievet tal-fond kif ukoll r-riduzzjoni tat-talba pretiza bl-ammont ta' €1,000.00;

Rat illi l-intimata prezenti in awla qablet mal-fatt illi rritornat ic-cwievet, illi l-€1,000.00 fil-pussess tas-socjeta rikorrenti ikunu utilizzati sabiex jaghmlu tajjeb ghas-somma pretiza u li ghandha tinghata sentenza fuq ir-rimarrenti bilanc u dan wara li l-Bord spjega bl-ilsien dan kollu lill-intimata u accerta ruhu li fehmet l-istess stante li ma kienitx assistita minn avukat;

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tieni, jilqa' l-ewwel, it-tielet u r-raba' talba kif ridotti billi jiddikjara lil-intimati veri, certi u likwidi debituri in solidum tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tmint elef disa' mija hamsa u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€8,995.35), rapprezentanti in kwantu ghal erbat elef u tmien mitt euro (€4,800) arretrati ta' kera ghall-perjodu bejn Settembru 2010 u April 2011 relattivament ghall-fondi numerati erbgha (4) u hamsa (5), Kahlija Court, Xemxija Hill, Xemxija, u in kwantu ghal ta' hamest elef mija u hamsa u disghin euri u hamsa u tletin centezmu (€5,195.35) rapprezentanti kontijiet tad-dawl u ilma relattivi ghall-istess zewg fondi bi tnaqqas ta' depozitu ta' Euro 1,000.00 gia fil-pussess tas-socjeta' rikorrenti u jikkundanna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' tmient elef disa' mija hamsa u disghin euro u hamsa u tletin centezmu (€8,995.35).

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------